# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207


IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

## SORPRIŻA



It-Tħabbira tal-Anġlu lil Marija timmarka mument ta' bidla mill-qiegħ. Għalkemm il-poplu Lhudi kien ilu jistenna l-Messija Salvatur, qatt ma kien jistennieh b'dan il-mod rivoluzzjonarju. Jekk soltu hu l-għerq li jagħti l-identità lill-fergħa, din id-darba r-rimja li nibtet, dakkret lis-siġra kollha. Iżaija kien ħabbar: *"Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu"*. Alla jissorprendi lill-bniedem. Alla jsalva lill-bniedem b'mod meraviljuż. Quddiem dan il-misteru kbir ninżlu għarkupptejna bil-qima.

Is-sorpriża ta' Nazaret taqbel perfettament mas-sorpriża ta' Alla Msallab u mas-sorpriża tal-Irxoxt. Alla jaħdem il-pjan tiegħu b'mod li jaqleb l-istorja ta' taħt fuq.

*Kemm tlifna l-element tal-istagħġib quddiem l-opra ta' Alla! Ħafna drabi arana nistagħġbu bin-negattiv jew inkella b'dak li fil-verità ftit li xejn ibiddlilna fil-ħajja tagħna, iżda xejn ma nindunaw bir-rivoluzzjoni ta' Alla fl-istorja tal-bniedem u bil-kapaċità tal-bniedem li jgħidlu: "Iva, ħa jkun minni skont kelmtek".*



DIN IL-ĠIMGĦA

## L-EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL

**Mit-Tnejn 25 sal-Ħamis 28 ta' Marzu fl-4.15pm minn Dun Samuel Grech.** It-tfal sa minn żgħar għandhom jidraw li l-Kelma ta' Alla tagħmlilhom il-ġid. Minkejja l-ħafna impenji tal-ħajja, ikun tajjeb jekk ngħallmuhom jagħżlu dak li hu verament importanti.

## PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ minn San Ġorġ huma mħeġġa jinkitbu mill-iktar fis possibbli fl-Uffiċċju Parrokkjali. It-tfal jistgħu jieħdu sehem minn 5 snin 'il fuq. Hu ferm importanti li bħala tħejjija għall-Ġimgħa l-Kbira nagħmlu Randan tajjeb biex hekk dawn il-mumenti għeżież ta' purċissjoni jkunu verament okkażjoni ta' talb u skoperta ta' Kristu li bata u miet għalina.

PARROĊĊA SAN ĠORĠ MARTRI

## LOURDES 2019

**PELLEGRINAĠĠ**

**5 SAD-9 T'AWWISSU**



**Il-bookings miftuħin. Ikkuntattjana fuq 21556377 jew 79204434.**

Ma nħallux jgħaddi dan iż-żmien tar-Randan mingħajr ma nfittxu l-frott tiegħu!



**Il-Ġabra tal-Obolo ta' San Pietru li saret fil-*weekend* li għadda u li tmur b'risq il-karitajiet li jqassam il-Papa laħqet is-somma ta' €605. Grazzi!**

KRONAKA

| | |
|---|---|
| **19-03-2019** | Nitolbu għal ruħ GEORGE GAUCI li miet fl-età ta' 82 sena. |
| **20-03-2019** | Nitolbu għal ruħ MARY VELLA li mietet fl-età ta' 81 sena. |

INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 24-03-2019 | Ġużeppi u Vinċenza Zammit |
| 25-03-2019 | Ġorġa Vella |
| 26-03-2019 | Maria Rita Cefai |
| 27-03-2019 | Il-Familja Grima-Cefai |
| 28-03-2019 | Elizabeth Camilleri u l-Familja Bugeja-Camilleri |
| 29-03-2019 | Carmela u Ġanġu Borg |
| 30-03-2019 | Wiġi, Ġużeppa u Manuel Camilleri |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM